IDDIPARTIMENT GĦALLKURRIKULU,
RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL ILĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

S

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2018**

## ID-DISA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI)* L-Iskema Tal-Marki

**Taqsima A**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. għajxien | 2. il-paċi | 3. bażiku | 4. ċittadin globali | 5. in-normi |
| 6. riżors uman | 7. ir-reliġjon | 8. koeżjoni | 9. l-iskola | 10. komunità globali |

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima B**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. a | 2. c | 3. a | 4. a | 5. b |
| 6. c | 7. a | 8. b | 9. c | 10. a |

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima C**

| **Mistoqsija** | **Marki** | **Tweġibiet**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 2 | Post fejn hemm taħlita ta' nies minn pajjiżi differenti. |
| 2. | 2,2<br>(4) | *L-istudenti għandhom isemmu żewġ modi minn:*<br>Billi jidħu użanzi ġodda li ġew minn vjaġġar u midja;<br>Immigranti u gruppi etniċi jinfluwenzaw il-kultura b'użanzi ġodda;<br>Permezz tal-midja u l-globalizzazzjoni. |
| 3. | 2,2<br>(4) | *L-istudenti jistgħu jsemmu tnejn minn:*<br>L-Istati Uniti, l-Italja, Franza, Malta. |
| 4. | 2,2,2<br>(6) | *L-istudenti jistgħu jsemmu tliet raġunijiet minn:*<br>biex isibu x-xogħol u ħajja aħjar;<br>biex isibu ħajja sigura u jkunu 'l bogħod mill-persekuzzjoni;<br>biex jaħarbu minn-nixfa/għargħar;<br>biex jaħarbu minn instabilità politika. |
| 5. | 2,2<br>(4) | L-immigranti jġibu ideat, normi u stili ta' ħajja ġodda fil-pajjiż kif ukoll reliġjon u tradizzjonijiet.<br>*L-istudenti għandhom isemmu żewġ modi.* |
| 6. | 2,2<br>(4) | Kultura hija l-mod ta' għajxien ta' poplu sħiħ filwaqt li wirt kulturali huwa dak kollu li ħallew in-nies li għexu qabilna bħal tempji, palazzi, il-lingwa u l-letteratura. |
| 7. | 2,2,2<br>(6) | (a) Għaqda fil-pajjiż<br>(b) In-nies jingħaqdu flimkien għal ġbir ta' fondi għall-karità u fil-festi. |

| | | |
|---|---|---|
| 8. | 5 | Il-belt ta' Londra hija mimlija ħajja għaliex hemm attivitajiet organizzati minn gruppi etniċi kif ukoll tolleranza lejhom. Il-gruppi etniċi jipparteċipaw fil-ħajja ta' kuljum. Huma integrati fl-istil ta' ħajja, infatti jorganizzaw festivals biex jiċċelebraw l-etniċità tagħhom. L-effett fuq is-soċjetà huwa li hemm tolleranza, diversità u integrazzjoni. |
| **Total** | **25 marka** | |

**Taqsima D**

Il-25 marka għal kull tema jitqassmu kif ġej:

21-25: Eċċellenti
16-20: Tajjeb
12-15: Mhux ħażin
0-11: Mhux tajjeb

| **Mistoqsija** | **Marka** | **Tweġibiet**<br>*Kull tweġiba oħra relevanti għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 25 | • Il-bniedem jibda jitgħallem mit-twelid. Il-proċess edukattiv ma jispiċċa qatt – il-bniedem jibqa' jitgħallem tul ħajtu kollha.<br>• Bil-bidliet radikali li qegħdin iseħħu fil-ħajja tagħna minħabba l-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija, huwa impossibbli li xi darba nieqfu nitgħallmu.<br>• Jekk ma nibqgħux naġġornaw irwieħna, ftit li xejn inkunu nistgħu navvanzaw fil-karriera u fil-ħajja. Minħabba f'hekk, illum hemm enfasi qawwija fuq l-edukazzjoni tul il-ħajja.<br>• Ħafna individwi jħarrġu lilhom infushom biex jibqgħu aġġornati mal-iżviluppi mgħaġġla li qegħdin iseħħu madwarna. Dan it-taħriġ jgħin lill-individwu biex ikun jista' jbiddel ix-xogħol jekk ikun jeħtieġ li jagħmel dan.<br>• Il-bniedem jista' wkoll jieħu taħriġ biex itejjeb il-pożizzjoni tiegħu fix-xogħol – dan jissejjaħ "professional development". Ħaddiema ġodda jkollhom "on the job training".<br>• L-edukazzjoni tant trid tibqa' għaddejja matul ħajjitna kollha li twaqqfet l-Università tat-Tielet Età mmirata għall-edukazzjoni tal-anzjani. |
| 2. | 25 | 1. It-tmiem tal-gwerra bierda sseħħ permezz ta' ftehim bejn il-President Amerikan, George Bush u l-mexxej Sovjetiku Mikhail Gorbachev. Dawn iż-żewġ mexxejja tas-superpotenzi għażlu li jiltaqgħu f'pajjiż newtrali biex jiddiskutu kif se jwaqqfu l-ġirja tal-armamenti u jfittxu xi forma ta' paċi. Il-pajjiż li għażlu kien Malta. Fit-2 u t-3 ta' Diċembru 1989, iffirmaw ftehim fuq vapur militari ġewwa l-port ta' Marsaxlokk.<br>2. Meta faqqgħet il-gwerra ċivili fil-Libja, fl-2011, Malta tat għajnuna umanitarja lil dawk li sfaw feruti fil-ġlied imdemmi. Fil-bidu tar-rivoluzzjoni, żewġ piloti Libjani niżlu bl-ajruplani *fighter jets* ġewwa l-ajruport ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | Malta minflok ma marru jiġġieldu lil nieshom stess. Malta tat kenn politiku lill-piloti sakemm intemmet ir-rivoluzzjoni, minkejja l-pressjoni minn Gaddafi biex jintbagħtu lura. Fl-istess ħin, Malta bdiet tirċievi mijiet ta' nies feruti fil-ġlied. Il-feruti ttieħdu l-isptar Mater Dei għall-kura ta' emerġenza. Dan kollu sar b'diplomazija kbira mill-gvern. |
| 3. | 25 | Il-kultura hija taħlita ta' elementi li flimkien jagħtu identità lill-pajjiż. Dawn l-elementi jinkludu:<br>• il-lingwa – il-lingwa Maltija għandha bażi semitika u tinkludi kliem romanz u anglosassonu.<br>• il-valuri soċjali – f'Malta nagħtu importanza kbira lill-familja u solidarjetà mal-batut.<br>• in-normi u drawwiet bħal meta nilbsu iswed fil-funerali. Il-festi huma parti importanti mid-drawwiet.<br>• l-istorja – Malta kienet maħkuma minn forzi barranin li lkoll ħallew wirt storiku kbir.<br>• ir-reliġjon – id-dominanza tar-reliġjon fil-ħajja ta' kuljum għadha tinħass s'issa. Ir-reliġjon hi marbuta mal-valuri, tradizzjonijiet u stil ta' ħajja. |
| **Total** | **25** | |
| **Total sħiħ** | **100** | |